# FEJN HU L-GIRGENTI?




Mill-ittri tagħkom sirna nafu li għad hemm min ma jafx fejn hu l-Girgenti. Għalhekk qegħdin nerġgħu nuru l-mappa ta' l-inħawi tal-Girgenti u t-triqat li jwasslu għall-post tal-laqgħat ta' talb.

Inkwantu għat-trasport għal-laqgħat, il-Kumitat ma jistax jidħol responsabbli għalih; għalhekk tajjeb li wieħed ikun jaf min jorganizza trasport privat mill-irħula u l-ibliet.

Li nistgħu ngħidu hu li hemm karozza tal-linja li titlaq mis-Siġġiewi għall-Girgenti nofs siegħa qabel ma tibda l-laqgħa.

**AVVIŻI IMPORTANTI**

1. Dawk li jorganizzaw trasport għal-laqgħat tal-Girgenti huma mitluba li jagħtu isimhom, l-indirizz u n-numru tat-telefon tagħhom lill-Editur ta' dan il-fuljett, jew lis-Segretarja jew lil xi membru tal-Kumitat, mill-aktar fis.
2. Nitolbu lil dawk li josservaw xi fenomenu speċjali, jew jaqilgħu xi grazzja jew għandhom xi problema, biex javżawna jew jitolbu intervista lill-Editur. (L-indirizz tal-Editur issibuh f'dan il-fuljett). Agħtu l-indirizz tagħkom, in-numru tat-telefon u xejn aktar.

## *FTAKRU:*
## ERBGĦA SNIN ILU SAR FENOMENU TAX-XEMX KBIR, FIL-ĦAMSA TA' LULJU 1988.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 11 LULJU 1992 JITQASSAM BLA ĦLAS

# FEJN WASALNA!

**IL-LAQGĦAT TA' TALB**

Għalaqna sitt snin minn mindu saret l-ewwel laqgħa il-Girgenti meta kienet ittellgħet l-istatwa tal-Madonna tal-Girgenti. Il-laqgħat qatt ma fallew u kull xahar folla mdaqqsa tiltaqa' biex tagħti ġieħ lill-Madonna. Fil-bidu, fuq għaxra min-nies aktarx li disgħa kienu jkunu nisa. Bil-mod il-mod l-irġiel bdew jiżdiedu u llum ninnotaw li qed jiġu familji sħaħ u n-numru tal-irġiel żdied ħafna. Iż-żgħażagħ ukoll qed jieħdu sehem. Minbarra l-laqgħat ta' kull xahar, saru xi laqgħat oħra ta' penitenza. L-aħħar waħda minn dawn kienet fis-17 ta' Mejju li għadda.

**L-GĦALQA SANTWARJU**

L-għalqa fejn isiru il-laqgħat ma baqgħetx kif kienet. L-ewwel saru xi bankijiet tal-ġebel biex in-nies ikollhom fejn joqogħdu bil-qegħda u s-sena l-oħra bdew xogħlijiet biex titneħħa l-ħamrija u l-art tinkesa bil-konkos. Illum min imur għall-ewwel darba jsib mhux għalqa imma pjazza, b'ħafna bankijiet tal-ġebel fejn mijiet ta' nies isibu post fejn joqogħdu komdi. Ix-xogħol għadu sejjer u fadal ħafna x'isir. Dan kollu qed iseħħ imħabba l-ġenerożità tagħkom ilkoll. Jalla nkomplu jkollna fidi fil-Madonna u nibqgħu nattendu għal-laqgħat anke meta ma jkunx hemm aktar Ġuża u dawk li llum qegħdin fil-Kumitat. Jalla l-Girgenti jsir Lourdes ieħor, kif qalet il-Madonna lil Ġuża!

**IS-SALIB**

Min mar għal-laqgħa tat-3 ta' Mejju sab imwaqqaf SALIB kbir tal-injam fuq in-naħa l-oħra tal-istatwa. Issa l-post sar aktar jixbaħ pjazza-santwarju li tistiednek għat-talb. Mela x'se tkun meta kollox ikun lest? Nirringrazzjaw lill-Perit Azzopardi u lill-kuntrattur

Anthony Vella għax-xogħol li qed jagħmlu. Il-Madonna tippremjahom!

F'din il-laqgħa Ġuża dehret se ttir bil-ferħ! Marret ħdejn il-salib u baqgħet hemm sakemm is-Salib ġie mbierek. In-nies ċapċpet u kantat u raddet ħajr lil Alla ta' dak kollu li kien qed jagħmel għalina.

**IL-LAPTIJIET TAL-MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI**

Din is-sena saret innovazzjoni oħra: il-laptijiet tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Kulħadd iridhom! S'issa tqassmu eluf imma ma kinux biżżejjed u għad iridu jitqassmu eluf kbar aktar, għax dawn il-laptijiet qed jintbagħtu barra minn Malta. Dawn il-laptijiet qed jitqassmu b'xejn bħall-fuljetti għax ma rridux li jsir negozju minn dawn l-affarijiet. Dawn il-laptijiet huma mberkin mill-Madonna bħal ma huwa l-ilma meħud mill-post tal-laqgħat jew mingħad Ġuża, id-dar tagħha.

**X'JONQOS? - LI SSIR QUDDIESA!**

Nafu fiż-żgur li Mons. Arċisqof mhux kontra li jsiru laqgħat ta' talb il-Girgenti għalkemm dawn mhumiex organizzati mill-Knisja. Huwa l-Kumitat tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni li hu responsabbli għalihom u għall-amministrazzjoni ta' kull ma għandu x'jaqsam ma' dan il-Moviment.

Dak li nixtieqi aħna u dawk kollha li jemmnu fil-ġrajjiet tal-Girgenti u jattendu għal-laqgħat ta' talb,hu li jkollna l-permess li tingħad il-quddies waqt il-laqgħat ta' talb, kif isir f'pajjiżi oħra magħrufin, fejn seħħew dehriet tal-Madonna għalkemm dawn għadhom ma ġewx rikonoxxuti mill-Knisja. Wara kollox isiru tant quddiesiet f'xatt il-baħar fis-sajf, fil-"Campings" u f'tant okkażjonijiet soċjali!...Milli jidher l-Awtoritajiet hawn Malta, jibżgħu li jekk jingħata dan il-permess in-nies taħseb li l-Knisja tirrikonoxxi l-awtentiċità ta' kull ma qalet Ġuża rigward id-dehriet u l-kuntatti tal-Madonna!

Aħna jidrilna li ċ-ċelebrazzjoni tal-quddies hija parti mit-talb li l-fidili jagħmlu biex jagħtu ġieħ lil Alla u lill-Madonna u DAN MA JIDDEPENDIX MIR-RIKONOXXIMENT TAD-DEHRIET. Ma nafux għaliex il-permess biex tingħad il-quddiesa għandu jigi miċħud imħabba l-injoranza u l-opinjoni żbaljata tan-nies! Ħafna nies jistaqsuna: "Jewwilla m'aħniex l-istess Knisja u għandna l-istess Reliġjon? Allura għaliex din id-diskriminazzjoni? Tmur Medjugorje issib tużżani ta' qassisin jikkonċelebraw; tmur La



Roccia di Belpasso (Catania) issib li diġà bnew kappella "pre-fabricated"; fi Tre Fontane (Ruma) attendew anke Kardinali u Isqfijiet, fejn xi għaxart elef ruħ fl-erbgħin anniversarju tad-dehriet (li għadhom mhux rikonoxxuti) fl-1987, raw l-istess fenomeni tax-xemx li seħħew fil-Girgenti, u kien hemm riħa qawwija ta' ward f'dak il-post.

Nittamaw li l-Awtoritajiet jippermettu l-ħidma pastorali sħiħa il-Girgenti, inkluża ċ-ċelebrazzjoni tal-quddies fil-laqgħat, għall-ġid ta' dawk kollha li jattendu għal-laqgħat ta' talb u għal Malta kollha.

## GHALIEX NEMMNU FIL-ĠRAJJIET TAL-GIRGENTI (2)

### Il-Messaġġi tal-Madonna

Il-messġġi tal-Madonna mhumiex dikjarazzjonijiet ta' duttrina, imma twissijiet biex ngħixu ta' nsara u naħarbu dak kollu li llum sar il-velenu tas-soċjetà. Dan kollu li qalet il-Madonna nsibuh fit-tagħlim tal-Knisja. Mela għalfejn dawn id-dehriet f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja? It-teologu magħruf Abbé Laurentin jagħmel l-istess mistoqsija u jagħti r-raġunijiet li setgħu jispjegaw għaliex xi uħud minn dawk is-suppost dehriet ma kinux awteniċi; imma ħafna minnhom kienu pożittivi. Fost ir-raġunijiet imsemmija hemm dawn:-

1. Il-qawmien ta' sens reliġjuż li mhux dejjem kien immexxi minn Fidi soda.
2. Id-dinja għaddiet minn mumenti kritiċi ħafna bi gwerer u katekliżmi ma jaqtgħu xejn.
3. Marija Santissima għandha missjoni ta' Omm rigward id-dinja. Din il-missjoni kellha tkabbar il-ħidma tagħha fl-aħħar żmenijiet, jgħid Grignon de Montfort. Forsi resqin lejn l-aħħar tad-dinja?... jew id-dinja se tgħaddi minn xi taqliba kbira?

Aħna hawn, m'aħniex neżaminaw id-dehriet f'pajjiżi oħra imma qed naraw x'ġara hawn Malta fil-ġrajjiet tal-Girgenti. Għalina l-Maltin, kull ma qed

tagħmel il-Madonna juri l-imħabba kbira li din l-Omm għandha għal Malta. Ħafna minna għadhom jiftakru sew x'għamlet Hi għalina fl-aħħar gwerra dinjija.

Minn dakinhar 'l hawn sar kambjament kbir fil-mod li n-nies jgħixu, billi ħafna valuri morali intilfu u l-ħajja saret materjalista wisq f'kull aspett tagħha. Ftit jew wisq dan jgħodd għal pajjiżna. Infatti x'naraw?... nuqqas ta' rispett għar-Reliġjon, għall-Kleru, għas-sagramenti, għaż-żwieġ; u xi ngħidu għad-dagħa?... bl-Isem t'Alla u tal-Madonna? U issa żidna l-konsumiżmu li hu infiq sfrenat għal pjaċir u kumdità materjali eżaġerati. Il-ħajja sesswali diżordinata qabżet kull limiti u din ġabet magħha f'ħafna pajjiżi, il-marda kiefra tal-AIDS, marda-kastig li "ma hemmx rimedju kontra tagħha ħlief it-talb" tgħid Ġuża li qaltilha l-Madonna meta din il-marda kienet għadha tibda tinxtered. Rimedju sallum għadu ma nstabx.

Il-messaġġi tal-Madonna imxew mal-iżvilupp tal-kundizzjonijiet fis-soċjetà Maltija biex Hi twissina ħalli ma nibqgħux b'għajnejna magħluqin għal dak li qed iħassar lil pajjiżna bil-mod il-mod, u jiġbed fuqna is-saħta t'Alla u l-kastigi tiegħu. Id-dinja tant saret pagana u immorali li hemm bżonn "li terġa' tiġi evanġelizzata mill-ġdid", kif qal il-Papa Ġwanni Pawlu II.

Il-kuntatti kontinwi bejn il-Madonna u Ġuża Mifsud juru t-tħassib ta' Ommna Marija għad-dinja tallum u fl-istess ħin l-imħabba li Hi għandha għal Malta li Alla għażel bħala ċentru ta' Reliġjon fil-Mediterran sa minn eluf ta' snin qabel Kristu kif jixhdu il-ħafna tempji tal-qedem li hawn Malta u Għawdex.

Il-messaġġi tal-Madonna, mgħoddijin lilna permezz ta' Ġuża, ma jagħmlux ħlief isaħħu l-Fidi tagħna u juruna t-triq tal-verità, tas-sewwa u tal-imħabba bejnietna. Aħna mhux biss nemmnu fil-messaġġi tal-Madonna imma nagħmlu ħilitna biex inwettquhom u nxerrduhom.

Ġuża Mifsud m'hijiex xi "teologu" u għalhekk m'hiex kapaċi tivvinta messaġġi u veritajiet tal-Fidi u Morali. It-Titolu "Madonna tal-Konsagrazzjoni" ma setgħetx toħolqu hi; fejn setgħet tkun taf li Sant'Anna kkonsagrat lil bintha Marija meta din kienet għadha tarbija?

Is-sempliċità li biha titkellem Ġuża fuq il-Madonna ma tħalli l-ebda dubju fuq is-sinċerità u l-kredibilità tagħha.



# GRAZZJI MAQLUGĦA

Minn żewġ intervisti li jien għamilt, irreżultaw dawn il-grazzji li għandna nqisuhom bħala mill-ikbar li nqalgħu s'issa.

**TUMUR KBIR F'RASU**

Tonina Vella li kienet ilha taf bil-Madonna tal-Konsagrazzjoni u tieħu l-fuljetti "Leħen il-Girgenti" irrakkuntatli kif, f'Awissu li għadda (1991), ir-raġel tagħha, Tony, beda jħoss uġigħ f'rasu mhux tas-soltu u sar nervuż ħafna. Mar l-isptar għal "check-up" u mill-"X-Ray" sar magħruf li kellu xi tumur f'rasu. Saru arranġamenti biex Tony u l-mara tiegħu jitilgħu Londra fejn kellha ssir operazzjoni biex jitneħħa t-tumur. Kollha fiduċja fil-Madonna, Tonina tellgħet xi santi tal-Madonna u ilma minn tal-Girgenti.

Qabel ma ddaħħal għall-operazzjoni, it-tobba wissew lil Tonina li aktarx, wara l-intervent kirurġiku, idejn il-pazjent ikunu paralizzati u hu ma jkunx jista' jitkellem. Tonina għamlitlu kuraġġ u sqietu l-ilma tal-Girgenti u qaltlu li l-Madonna kienet se tgħinu. Waqt l-operazzjoni Tonina talbet bis-sħiħ għal żewġha.

Wara disgħa sigħat li Toninu dam f'idejn it-tobba, inġab lura. Idejh ma kinux paralizzati kif bassru t-tobba imma meta għaddielu il-loppju, Toninu ma setax jitkellem. Għaddew tlett ijiem u s-sitwazzjoni baqgħet l-istess. Allura it-tobba, b'dispjaċir, qalu lil Tonina li żewġha ma kienx se jitkellem. Kompla t-talb u l-fiduċja fil-Madonna ma naqsetx. Tony kien jixrob l-ilma tal-Girgenti u l-mara kienet tgħidlu biex jagħmel kuraġġ għax Hi kienet se tgħinu. Wasal il-ħames jum wara l-operazzjoni u għaġeb tal-egħġubijiet, Tony beda jitkellem. Minn Londra ċemplu l-Mellieħa fejn kienu joqogħdu u t-tifel tagħhom seta' jisma' il-leħen ta' missieru. Dan kien mument ta' ferħ kbir għall-familja Vella u dawk kollha li kienu jafuhom.

Fi Frar 1992 Toninu kellu jitla' Londra mill-ġdid għall-"plastic surgery" f'rasu. Jien saqsejt lill-mara ta' Tony x'ġara hemmhekk. Reġgħet tellgħet l-ilma tal-Girgenti u din id-darba, stajt nagħtiha xi laptijiet li kienu għadhom kemm saru,u ħafna santi tal-Madonna li hi qassmet madwarha. It-tobba għamlu x-xogħol tagħhom b'suċċess. Anzi is-suċċess kien tant kbir li huma bqgħu impressjonati u qalu lil Tonina li qatt ma kienu raw tumur kbir bħal dak ta' żewġha.

Din kienet l-akbar operazzjoni li qatt għamlu fil-moħħ! Dawk kollha li kkuraw lill-pazjent baqgħu huma wkoll miblugħin. U Tony, illum, qed jgħix ħajja normali mal-familja tiegħu. Waqt li nifirħu lit-tobba għall-kapaċità tagħhom, ma nistgħux ma nirringrazzjaw u nifirħu lill-Madonna għall-għajnuna mirakoluża li tat lil Tony Vella.

**IL-WAQGĦA TA' MARIO AQUILINA**

F'April li għadda rċevejt ittra mingħand Pawla Aquilina li toqgħod is-Siġġiewi, fejn talbitni nasal saddar tagħha biex nagħmillha intervista fuq il-każ ta' binha Mario li kien waqa' minn ħdejn il-lanterna tal-koppla għal fuq is-saqaf tal-knisja tal-Gudja, fil-5 ta' Awissu 1987, meta kellu 21 sena. Din hija storja twila li se jkolli nqassar.

Fil-ħamsa ta' Awissu kellna laqgħa ta'talb il-Girgenti. Fil-bidu tal-laqgħa Ġuża qaltilna: "Ngħidu tliet "Ave Maria" għax il-Madonna se tagħti grazzja kbira illum!" X'kienet din il-grazzja ma qaletx. Dakinhar filgħaxija, Mario Aquilina kien qiegħed iwaħħal il-bozoz mal-lanterna fuq il-koppla tal-knisja tal-Gudja. Dan ma kienx xogħol tiegħu iżda hu kien jagħmel xogħol "part-time" mas-sur Ciantar fl-armar għall-festi. Dakinhar, min kellu jwaħħal il-bozoz ma kienx jiflaħ u allura Mario tela' f'loku. Meta kien fadal xi ftit bozoz x'jitwaħħlu mal-lanterna tal-koppla, Mario waqa' u huwa w nieżel ħabat rasu tliet darbiet mal-koppla u baqa' stendut fuq is-saqaf tal-knisja. Dak il-ħin kienu qed iġorru l-istatwa tal-Madonna mill-Oratorju għall-Knisja fi proċessjoni,u għalhekk, in-nies li kienu fit-triq rawh jaqa'. Fost in-nies kien hemm it-Tabib Zammit li meta induna b'dak li ġara qabad jgħajjat biex lil Mario ma jmissuhx. Tela' jiġri fuq il-knisja u farag lil Mario li kien mitluf minn sensih, għax kieku, żgur li kien imut.

Mario ġie meħud l-isptar prattikament mejjet u tqiegħed fl-I.T.U. fejn għadda xahar u għaxart ijiem.

Sadattant, l-għada filgħodu, 6 ta' Awissu, il-mara li kienet tgħin lil Ġuża, semgħet bl-inċident u staqsiet lil Ġuża jekk kinetx taf bih. Din qaltilha li kienet ratu nieżel u jaħbat rasu tliet darbiet. (Jiena ġimgħatejn ilu saqsejtha jekk dan kienx minnu u hi kkonfermatli li kienet ratu nieżel).

L-"X-Ray" wera li Mario, minbarra ksur fil-pelvis, kellu tliet fratturi f'rasu. Mario ma kienx jingħaraf; skond missieru, kien iswed u rasu kibret daqs ballun. Wieħed mill-professuri qal lill-missier u omm Mario, li kien hemm biss 1% (wieħed fil-mija) *chance* li jibqa' ħaj. Min kellu jieħu ħsieb ras Mario, wara għoxrin ġurnata li Mario kien ilu l-isptar, staqsa lill-ġenituri ta' dan jekk kienux hemm biex jippreparaw il-funeral, "għax l-agħar kien għadu ġej!" Biex jitimgħu lill-pazjent għamlulu toqba fi grieżmu (ħaġa li jien stess stajt nara l-marka tagħha) u minnha għaddew 'pipe' għall-istonku. Wara l-I.T.U. Mario dam ħmistax oħra l-isptar u kien sar għadma w ġilda bla saħħa u bla memorja; nesa l-imgħoddi kollu.

Meta kien mhux ħażin, Pawla ħaditu għand Ġuża. Qaltli li appena daħlu ġewwa, Mario lemaħ l-inkawdru tal-Madonna u staqsa ta' min kien dak ir-ritratt. Hawn imissni ngħid li l-isptar Pawla kienet qegħdet santa tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni 'il fuq minn ras Mario b'mod li dan ma setax jaraha. Imma għand Ġuża mill-ewwel għajnejh marru fuq l-inkwadru u ried jaf min kienet dik il-mara "għax l-isptar hi kienet iżżommlu rasu u ddur mas-sodda tiegħu!" ... Meta ppruvajt inkun naf minn Mario stess x'kien ġara l-isptar, b'leħen ħiemed u sogħbien, wieġeb li ma kienx jiftakar minn xiex kien għadda u tenna kemm il-darba "Kemm nixtieq narġa naraha, imqar bħala nurse!"

Karmenu u Pawla Aquilina iqisu dan il-fejqan bħala mirakoluż u jirringrazzjaw lill-Madonna għall-imħabba li uriet lejhom.

**L-Editur**

# MILL-ITTRI TAGĦKOM

❐ Grazzi ħafna tal-ittri li bgħattuli u tal-informazzjoni li tajtuni fuq il-grazzji li qlajtu, u l-bżonn ta' talb li kellkom imħabba ċirkostanzi diffiċli li sibtu ruħkom fihom. Nassigurakom li l-messaġġi tagħkom għaddejthom lil Ġuża, li dejjem titlob għal dawk kollha li jeħtieġu l-għajnuna tal-Madonna. Jien ippruvajt inwieġeb lil min kitibli u wegħdtu t-talb tiegħi ukoll. Jekk hemm xi ħadd li ma rċeviex mingħandi nitolbu jiskużani għax għad ma kellix żmien niktiblu.

❐ Jekk taqilgħu xi grazzji u ma tafux tiktbu dwarhom, arawni waqt il-laqgħat u tuni l-indirizz tagħkom u n-numru tat-telefon biex niġi nagħmlilkom intervista u nirrikordja l-fatti tagħkom jekk ikun jeħtieġ. Jekk tridu, tistgħu ukoll tibagħtuli l-indirizz u n-numru tat-telefon tagħkom u tgħiduli li tixtiequ li niġi narakom. Iktbu dan l-indirizz:

Bro. Victor Privitera. F.S.C., B.A.,
Stella Maris College
Gzira, GZR 04